



Hector
H. Dalli -
mitt sena
minn twelidu.

# Mro. Hector H. Dalli A. Mus LCM (1914-1980)



Is-Surmast Hector Dalli twieled iż-Żejtun nhar 14 ta' Ġunju 1914 . Missieru kien bandist solista, Assistent Surmast u Kaxxier tal-Banda Beland. Minbarra dan kien ukoll membru fil-kumitat direttiv għal-ħafna snin sakemm irtira lejn l-aħħar tas-sena 1930. Ma setax jonqos għalhekk illi ċ-ċkejken Hector juri inklinazzjoni kbira lejn l-arti mużikali sa minn eta' żgħira.Is-Surmast Hector Dalli beda l-karriera mużikali tiegħu fi ħdan l-Għaqda Mużikali Beland meta ta' għaxar snin ħareġ idoqq il-flicorno fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ġewwa ż-Żejtun. Wara ftit beda l-istudju tal-pjanu u ma kinitx sorpriża illi ta' erbatax-il sena insibuh idoqq il-pjanu ġewwa ż-Żejtun waqt is-'silent movie'.

Aktar tard beda l-istudju tiegħu fil-qasam mużikali għand is-Surmast J. Casapinta u fl-1935 ġab l-Associate (A.Mus.LCM). Meta missieru ċeda l-bakketta tal-Banda Żejtun, Hector laħaq Surmast Direttur minfloku.

F'dan l-istess żmien idderieġa wkoll għal xi snin il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar. F'xi okkażjonijiet oħra dderieġa wkoll il-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun u lill-Banda ċittadina Leone tar-Rabat Għawdex.

Fis-sena 1952 ġie maħtur Surmast Direttur tal-Banda Duke of Edinburgh tal-belt Vittoriosa, illum il-Banda San Lawrenz. Fis-sena 1955 fuq stedina mill-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Beland ġie offrut id-direzzjoni tal-banda liema stedina huwa aċċetta bil-ferħa. L-ewwel marċ li kkompona kien iġib l-isem ta' 'Sweet Dreams' u kif stqarr miegħi huwa stess 'verament li ħassejtni qed noħlom jiena u nikteb dan il-marċ'. Aktar tard kien stqarr ukoll ma' Ġużeppi Baldacchino, in-'Nabucco', li missieru kien ħadu mal-banda l-oħra.

"Fis-sena 1955 fuq stedina mill-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Beland ġie offrut id-direzzjoni tal-banda"

Fis-sena 1954 Hector kien idderieġa lill-Banda nazzjonali fi programm ġewwa r-Radio City fil-preżenza tas-Surmast Ingliz

Raybolt. Il-kapaċità li kellu s-Surmast Dalli ma kinitx biss fil-kompożizzjoni tal-marċi imma aktar fil-kapaċità tiegħu fid-direzzjoni u t-tagħlim. Matul il-25 sena li dam jidderieġi lill-banda Beland huwa sawwarha f'waħda mill-aqwa baned Maltin. Filwaqt li l-bandisti żdiedu fin-numru, żdiedet ukoll il-kwalità tal-banda u żdiedu wkoll il-programmi matul is-sena.



Il-marċi li huwa kkompona huma nixxiegħa ta' melodija li jolqtu lil widna speċjalment matul il-ġranet tal-festa. Impossibli li nsemmu n-numru kbir ta' marċi li kkompona però ma nistgħux ma nsemmux marċi bħal Victorious, Gregorio Bonici, Hecdal, Il-bandiera l-ġdida, 25th.Nov.1955. Lolita, MaryJoe, Lill-Ħbieb, Albatross u fuq kollox Lorenza, marċ li kienu ħallsu għalih il-familja Degabriele fl-Awstralja.

Ma dawn ma' nistgħux inħallu barra l-innu marċ 'Santa Katarina' li nkiteb fl-1969 u hu esklusivament għal Banda Beland, li jindaqq bi prominenza fil-ġranet tal-festa flimkien ma' l-Innu Beland. Is-Surmast Hector Dalli ma kkomponiex biss marċi imma wkoll kompożizzjonijiet mużikali għall-banda, l-aktar għall-Banda Beland.

Fost il-kompożizzjonijiet tiegħu insibu Preludio in Re Minore, Innu San Lawrenz, il-poema sinfonika 'Song of Anna, Overture 'Inaugural' li kkomponieha għall-inawgurazzjoni tal-planċier fl-1978, u l-aħħar kompożizzjoni tiegħu Suite f'4 movimenti li ikkomponieha għall-okkażjoni t'għeluq il-25 sena bħala Surmast Direttur iżda ma kellux ix-xorti li jidderiġieha għaliex laħaq miet fil-bidu ta' Novembru 1980. Din is-suite kien idderiġieha is-Surmast Onorarju Carmelo Caruana fil-festa tal-istess sena.

Is-Surmast Dalli kien kunċertista mill-aqwa. Meta fis-snin sebgħin in-numru ta' bandisti kien qabeż sewwa is-sittin u kien qed jarahom jimmaturaw sewwa, sena minnhom iddeċieda illi mill-ħlewwa tal-marċi jibda idewwaqhom l-iebes u s-serjeta'. L-ewwel test kienet is-selection mill-opra Turandot.

Fl-1984 iż-żagħżagħ Belandisti kienu irrekordjaw casette bil-marċi ta' Mro Dalli . Fl-2005 sar remix tal-casette fuq CD u fl-istess sena ħar[et is-CD bl-isem The Valiant i tikkonsisti f'għaxar marċi mill-isbaħ li mro Dalli ikkompona matul il-25 sena tiegħu jidderieġi l-Banda Beland.

Fost il-ħafna programmi li idderieġa tnejn minnhom jissuperaw lill-oħrajn. B'dawn il-programmi Hector ikkonferma kemm kien kunċertista mill-aqwa. L-ewwel programm kien dak li dderieġa f'Settembru tal-1961 fl-okkażjoni tal-festi ċentinarji tal-banda fejn fost l-oħrajn esegwixxa Il Cantico Frate Sole ta' Carlo Diacono, Largo ta' Mule', u Inno al Sole. Il-programm l-ieħor kien dak fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-planċier f'Mejju tal-1978 fejn esegwixxa l-Capriccio Italien, il-Hungarian Rhapsody No.2, il-Boris Godunov, il-ballet mill-Faust u l-overture Inaugural.Is-Surmast Hector Dalli miet nhar l-1 ta' Novembru,1980. Il-funeral tiegħu sar l-għada t-2 ta' Novembru fejn wara quddiesa fil-knisja ta' Kristu Re f'Raħal Ġdid fejn kien joqgħod, il-funeral kompla ġewwa ż-Żejtun, raħal twelidu. F'Misraħ Carlo Diacono kien hemm jistennewh minbarra l-Banda Beland, delegazzjonijiet bl-istandardi minn bosta Għaqdiet tal-Banda u soċjetajiet Żwieten fosthom tal-Għaqda Banda Żejtun. Meta l-korteo funebri wasal quddiem il-każin tal-Banda Beland kien hemm jilqugħ biex jagħtuh l-aħħar tislima għadd kbir ta' membri u partitarji. Kien hawnhekk illi t-tebut tas-Surmast ġie merfugħ miż-żgħażagħ Belandisti li wassluh saċ-ċimiterju akkumpanjat dejjem bid-daqq tal-marċi funebri kollha komposti minn Mro. Dalli. Daqshekk kien maħbub is-Surmast mis-soċjeta' Beland. Il-wirt mużikali li ħalla is-Surmast Hector Dalli għadu b'saħħtu fis-soċjetà tagħna u jitqies bħala wieħed mill-pilastri li fuqu ssawret il-Banda Beland.

"Is-Surmast dalli kien kunċertista mill-aqwa. meta fis-snin sebgħin in-numru ta' bandisti kien qabes sewwa is-sittin "